MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 747/2013

**Marisa La Rosa De Cristofaro bhala mandatarja specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija estera Sealed Air Srl**

**Vs**

**Tenderfresh Food Processing Ltd (C28216)**

Permezz ta’ kawza prezentata fit-2 ta’ Awissu 2013 l-attrici nomine qeghda titlob il-hlas ta’ hmistax-il elf mitejn u disa’ u erbghin ewro u disa’ u tletin centezmu (€15,249.39), prezz ta’ merkanzija kif jirrizulta mid-dokumenti JM1-JM4. L-attrici nomine talbet ukoll li l-

kawza tinstema’ bil-procedura sommarja (Art. 167 tal-Kap. 12).

Waqt is-seduta tal-lum hadd ma deher ghall-konvenuta.

Il-qorti semghet lil Marisa La Rosa Cristofaro tixhed bil-gurament.

Il-qorti rat l-atti.

Kemm mid-dokumenti annessi mar-rikors guramentat[1] u minn dak li qalet ix-xhud, m’hemmx dubju li l-ammont pretiz huwa dovut mill-konvenuta.

Ghaldaqstant, il-qorti qeghda tilqa’ t-talbiet kollha kif dedotti mill-attrici nomine u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici nomine s-somma ta’ **hmistax-il elf mitejn u disa’ u erbghin ewro u disa’ u tletin centezmu (€15,249.39)** rapprezentanti hlas dovut ghall-bejgh u konsenja ta’ merkanzija. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta u bl-imghax skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Hekk per ezempju hi email datata l-1 ta’ Gunju 2012 (fol. 14), Edmund Azzopardi gharraf lil Marisa La Rosa Cristofaro li *"Tenderfish food processing LTD is not in a position today to do payment for the balance of the current invoices, we have changed our portfolio from whole sale to retail shops and it will take some time to recover and gain what we lost in the past.*

*I would like to emphasize that the balance due will be paid and according to the current business plan this should be around the end of the year.”.*